**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**<u>CHAIRPERSON: Dr. Yana Micallef Stafrace</u>**

**Decizjoni Numru: 2468**

Kaz Nru.: 2999/YMS

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn:-

Dieter Cassar

vs

Attrans Commercial Ltd

Illum it-Tnejn 3 t'April, 2017

**It-TRIBUNAL,**

I PRELIMINARI

1. Dan il-kaz prezentat b'Rikors fid-29 ta' Frar, 2012, jirrigwarda allegata tkeccija fil-5 ta' Jannar, 2012, ta' Dieter Cassar, ir-Rikorrent, li kien ilu mpjegat bhala *storekeeper* fuq bazi *full-time* mas-Socjeta' Ntimata sa mill-1 ta' Marzu, 2011. Dana fil-kuntest li r-raguni **<u>vera</u>** kienet ta' tkeccija u mhux rizenja bhal ma ntqal lill-ETC.

2. Ir-Rikorrent, wara li rrifera ghall-art 75 tal-Att XXII tal-2002 **<u>talab</u>** li dan it-Tribunal jiehu konjizzjoni tar-Rikors u jiddeciedi li dan kien kaz ta' tkeccija ngusta u jakkorda dak il-kumpens xieraq skond il-ligi.

3. B'Risposta tal-11 ta' Mejju, 2012, is-Socjeta' Ntimata **<u>eccepiet</u>** li:-

   (a) Ir-raguni tat-terminazzjoni moghtija lill-ETC kienet ta' *resigned.* Dan sar biex ma jigix pregudikat l-interess tar-Rikorrent meta jfittex impieg iehor.

   (b) Id-decizjoni min-naha tas-Socjeta' ttiehdet wara li l-atteggjament tar-Rikorrent ma baqax aktar tollerabbli, partikolarment meta hu hebb ghall-principal tas-Socjeta' wara li dan ikkoregieh.

(c) It-terminazzjoni kienet gusta u ma tintitola lir-Rikorrent ghall-ebda kumpens; is-Socjeta' ma ghamlet xejn kontra l-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u dak li jipprovdi l-art 75 tal-istess Att.

4. Finalment is-Socjeta' talbet li dak mitlub mir-Rikorrent jigi michud.

II PROVI

5. Sew ir-Rikors kif ukoll ir-Risposta huma akkumpanjati minn stqarrijiet pjuttost dettaljati u anke ritratti mehuda mis-CCTV fil-post fejn sehh l-incident imsemmi mis-Socjeta' ntimata. Jinghad mill-ewwel li qed issir riferenza ghall-intier li hemm fil-process u hawn wiehed isib biss punti saljenti.

6. Ir-Rikorrent qal li ghall-bidu kien kollox sew imma mbaghad beda jigi maltrattat mid-Direttur Salvatore Attard li kien jiksru quddiem l-impjegati u n-nies, inkluz kliem oxxen. Meta telqet Sandra Ciappara mill-*Accounts Department* intefa flokha u wara ftit harget bil-*maternity leave* Catherine Talbot u beda jaghmel xogholha.

7. Hawn ghadda biex spjega l-incident konsistenti filli l-klijent Joseph Mifsud ilminta mill-batterija li kien xtara mill-kumpanija sentejn qabel u r-Rikorrent sab li kienet imweqqa'. Fuq struzzjonijiet ta' Eric Attard, iben Salvatore hu pogga l-batterija msemmija "on charge" u flokha tawh ohra temporanja.

8. Fil-5 ta' Jannar, 2012, tfacca Joseph Mifsud u tkellem ma' Salvatore Attard u lil dan semghu jghidlu "mela lili, xi hadd itini xi haga b'xejn?" Mifsud beda jghid li l-kumpanija ma kinetx serja. Attard qabad lil Mifsud mill-flok biex johorgu 'l barra u beda l-ghajjat bejniethom u Attard qabad *spanner* u qal lir-Rikorrent "mur aqlalu l-*battery!"* Ir-Rikorrent ha *spanner* u *tommy box* u mexa lejn il-vettura. Salvatore Attard staqsieh min kien wahhal il-batterija u hu semmilu l-istruzzjonijiet ta' ibnu Eric Attard. Hawn Salvatore Attard tah daqqa fuq rasu u hu qallu "lili tmissnix". Hu qatt ma xejjer *spanner* lejn l-imghallem tant li meta tressaq il-Qorti dwar dan, hareg liberat. Dan sehh quddiem impjegati ta' Polidano Bros u hu mar l-Ghassa ta' Hal Qormi jirraporta l-kaz. Spicca jghid li rizultat ta' dan il-kaz qed isofri minn ansjeta u qed jiehu l-kura ghaliha.

9. Mar-Risposta hemm kopja tat-tahrika tal-Pulizija kontra Cassar u xhieda ta' WPC 36 S. Fenech dwar ir-rapport li sarilha minn Dieter Cassar u Joseph Mifsud.

10. Mar-Risposta s-Socjeta' esibiet kopja ta' twissija bil-miktub datata 15/12/2011 u ohra tal-4/1/2012. Tal-ewwel issemmi "various serious mistakes" u tghid li "The company has incurred several amounts of losses due to these mistakes which cannot keep on undertaking" u t-tieni twissi dwar "very high quotation to a valuable client that we cannot afford to lose". Izzid "may we remind you

that if another warning is issued you will be requested to resign from your position and lose the job without further notice”. L-ewwel twissija hi firmata miz-zewg nahat izda it-tieni wahda hi firmata minn “The Management” biss.

11. Salvatore Attard stqarr li hu dejjem mexa ta’ ragel ma’ l-impjegati kollha nkluz mar-Rikorrent li xtaq jarah jimxi ‘l quddiem kif jidher meta offrielu x-xoghol ta’ Sandra Ciappara. Ma kienx kaz ta’ *promotion* fuq mertu ta’ xogholu izda b’rieda tajba min-naha tieghu bhala *employer.*

12. Zied li flok apprezza, r-Rikorrent ghadda ghal azzjonijiet u zbalji gravi li kkompromettew ir-relazzjonijiet mall-klijenti. Semma li minhabba nuqqas ta’ attenzjoni ordni flok intbaghtet bil-bahar giet bit-TNT u t-trasport tela’ ghal €1,448.18c. Dan ikkonoxxih l-impjegat stess. Gieli ma hax passi biex ordnijiet jaslu fil-hin u kemm-il darba qal lill-klijenti li ma kienx hemm *parts* mentri dawn kienu fil-garaxx. Gieli anke hadem kwotazzjonijiet zbaljati u barra hafna twissijiet bil-fomm saru tnejn bil-miktub.

13. Meta rrifera ghall-incident tal-batterija (li tiswa €80) qal li r-Rikorrent flok irrifera l-kaz li ta’ fuqu ddecieda wahdu – haga li ma kellux jaghmel anke ghax il-batterija ma kellhiex garanzija. Din grat drabi ohra. Meta lir-Rikorrent gibidlu l-attenzjoni, dan beda jghajjat. Hu talab lil Mifsud johrog mill-ufficcju tieghu u meta lil Dieter qallu li kien waqqa’ lill-kumpanija ghac-cajt “huwa aggredieni permezz ta’ *shiftin spanner* filwaqt li jiena ma nies ohra fil-garaxx, ippruvajt inzommlu jdejh sabiex ma jwegga ‘l-hadd”.

14. Hu ghamel rapport lill-Pulizija. Dakinhar tal-kawza kontra r-Rikorrent hu kellu jkun imsiefer u ghal xi raguni r-rikors relativ ma giex a konjizzjoni tal-Qorti u r-rikorrent gie liberat.

15. Hawn wiehed idur fuq ix-xhieda li nghatat *viva voce* fl-udjenzi tat-Tribunal kif ukoll hemm affidavit. Mill-gdid jinghad li wiehed ghandu jhares lejn kull ma hemm imnizzel fil-process ghax hawn jingiebu xi punti biss izda juru s-**sustanza** tal-kaz.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

16. L-ewwel m’ghandu jigi deciz hu jekk ir-Rikorrent tkecciex jew irrizenjax kif hemm fid-Dokument tal-ETC. Ir-Rikorent qed jinsisti li hu safa mkecci u dik is-suppost rizenja kienet saret biex ir-Rikorrent ma jigix pregudikat meta jfittex impieg iehor.

17. Ahna m’ahniex nghixu fl-immaginarju u fis-shab izda fir-realta’ ta’ madwarna. Employer isib ruhu f’cirkostanzi li jhoss li ghandu jtemm impieg specjalment wara xi ncident izda wara dak li jkun jikkalma u min ihaddem jirraguna li ma jkollux ghalfejn jippregudika l-futur tal-imjegat meta dan ifittex xoghol iehor. F’kuntesti ohra dik ir-“resigned” tista thares lejha b’mod aktar serju imma ma jidhirx li hu l-kas hawnhekk.

18. It-TRIBUNAL iqis li hawn ghandna mpjegat li kien ilu fl-impieg mall-Kumpanija Ntimata qrib sena. Jidher li r-relazzjonijiet bejn min ihaddem u l-haddiem kienu turbulenti. Min-naha tal-*employer* jidher li kellu fiducja fl-impjegat tant li ghalkemm hu kien teknikament "storekeeper" wara ghadda biex mela l-vojt ta' Sandra Ciappara meta din telqet mill-"Accounts Dept" u ghamel ukoll xoghol ta' Catherine Talbot meta din telqet bil-"maternity leave". Dan juri certa fiducja tal-Kumpanija fl-impjegat taghha, imma mbaghad iz-zewg twissijiet bil-miktub **jghidu dak li jghidu**.

19. Il-"warning" tal-15 ta' Dicembru, 2011, (firmat mill-*Management* u mir-Rikorrent) jghid "the company has incurred several amounts of losses due to these mistakes which cannot keep on undertaking". Dak tal-4 ta' Jannar, 2012, isemmi li lill-impjegat qed jinghatalu "2nd warning on the same mistake giving very high priced quotation to a valuable client that we cannot afford to lose". Din it-tieni twissija tintemm hekk:-

    *"May we remind you that if another warning is issued you will be requested to resign from your position and lose the job without further notice"*

    Veru li dan it-tieni "warning" igib il-firma tal-*Management* biss imma l-awtenticita' tieghu mhiex dubitata.

20. Fix-xhieda tieghu Salvatore Attard specifika aktar nuqqasijiet. Min-naha l-ohra t-TRIBUNAL ihossu konvint li fuq il-post tax-xoghol ma tantx kien hemm manjieri puliti u l-*employer* xi ftit raff mar-Rikorrent kien.

21. Kien l-incident tal-ahhar, dak tal-5 ta' Jannar, 2012, li kif nghidu sbroffa l-vulkan. Ir-Rikorrent irid jitfa' htija esklussiva fuq Salvatore Attard, jinsisti li hu rreagixxa ragjonevolment biss u li t-tkeccija tieghu, ghandha tigi marbuta ma' dan l-incident biss. Mela jigi njorat il-bqija, jigu njorati l-antecedenti kollha.

22. It-TRIBUNAL ma jistax jaqbel ma' dan u wiehed irid iqis l-istorja kollha ta' mpieg fuq firxa ta' qrib sena biss bir-relazzjoni bejn ir-Rikorrent u l-impjegat tintemm ma' l-ahhar incident.

23. It-TRIBUNAL, ihoss li r-relazzjonijiet bejn ir-Rikorrent u l-Kumpanija (fil-persuna ta' Salvatore Attard) qatt ma kienu tassew felici b'nuqqasijiet kontinwi min-naha tar-Rikorrent b'dana li Salvatore Attard seta' u messu kellu manjieri ahjar izda ma kienux dawn li ddeterminaw it-tmiem tal-impieg tar-Rikorrent.

## IV DECIZJONI

Meta jqis dak kollu migjub *supra* u jqis il-prova kollha u ta' kull xorta li hemm fil-process u wara li rrifletta fuq is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri t-TRIBUANL iqis li r-Rikorent ma sofriex minn tkeccija ngusta u ghalhekk dak li talab ir-Rikorrent fir-Rikors tieghu qieghed hawnhekk jigi michud.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assistita l-partijiet fl-ammont ta' €93.17c.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
Avv. Yana Micallef Stafrace
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**